REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1213/2010

tas-16 ta' Diċembru 2010

li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi ffaċilitata l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali kif meħtieġ mill-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli għall-implimentazzjoni ta' din l-interkonnessjoni skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(2) Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, kif stipulati, b'mod partikolari, bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [2], japplikaw għall-ipproċessar ta' kwalunkwe dejta personali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżura ta' sigurtà xierqa sabiex jipprevjenu l-użu ħażin tad-dejta personali.

(3) Fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, kif stipulat b'mod partikolari bir-Regolament (KE) Nru 45/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [3], japplikaw għall-ipproċessar ta' kwalunkwe dejta personali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 [4],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-regoli komuni li jippermettu l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali se jkunu kif stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995 p. 31.
[3] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[4] ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.

ANNESS

Is-sistema ta' interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali se jisimha l-ERRU (Reġistri Ewropej tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq)

1. SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1.1. **Skambju dwar ksur**

1.1.1. *Messaġġ ta' Notifika ta' Ksur*

Meta jitwettaq skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija [1], jew l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 [2], l-Istati Membri għandhom jużaw messaġġi fil-format li ġej (Messaġġ ta' Notifika ta' Ksur):

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
L-Istat Membru li qed jinnotifika	L-Istat Membru li qed jinnotifika	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tinnotifika	Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti li qed tinnotifika	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
Dettalji tan-Notifika	Numru tan-notifika	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tan-notifika	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Ħin tan-notifika	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format SS:MM:SS
Impriża tat-trasport	Isem	Fakultattiv	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
L-Awtorizzazzjoni	Numru tas-serje tal-kopja ċċertifikata vera tal-Liċenzja Komunitarja	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura	Fakultattiv	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Ksur ta' liġi serju	Kategorija	Obbligatorju	
	Tip	Obbligatorju	

[1] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.
[2] ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
	Data tal-ksur	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Data tal-kontroll fejn il-ksur ġie kkonfermat	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
Penali imposti u eżegwiti	Data ta' deċiżjoni finali	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Tip ta' penali imposta	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: "Twissija" "Projbizzjoni temporanja fuq operazzjonijiet ta' kabotaġġ" "Multa" "Projbizzjoni" "Immobilizzazzjoni" "Oħrajn"
	Jekk applikabbli: bidu tad-data tal-penali imposta	Fakultattiv	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Jekk applikabbli: tmiem id-data tal-penali imposta	Fakultattiv	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Penali eżegwiti	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: "Iva" "Le" "Mhux magħruf"
Penali mitluba	Tip ta' penali amministrattiva mitluba	Fakultattiv	Dikjarazzjoni ta' jew: "Twissija" "Irtirar temporanju ta' xi wħud mill-kopji ċċertifikati veri tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha" "Irtirar permanenti ta' xi wħud mill-kopji ċċertifikati veri tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha" "Irtirar temporanju tal-liċenzja Komunitarja". "Irtirar permanenti tal-liċenzja Komunitarja". "Sospensjoni tal-ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier" "Irtirar tal-attestazzjonijiet tax-xufier" "Ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier soġġett għall-kondizzjonijiet addizzjonali sabiex ikun evitat l-użu ħażin"
	Tul ta' żmien tal-penali mitluba (jiem kalendarji)	Fakultattiv	Dħul ta' dejta numerika JJJJJ

1.1.2. *Messaġġ ta' Reazzjoni għall-Ksur*

Meta jitwettaq skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 jew Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, l-Istati Membri għandhom jużaw messaġġi fil-format li ġej (Messaġġ ta' Reazzjoni għall-Ksur):

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
L-Istat Membru li qed jirreaġixxi	L-Istat Membru li qed jirreaġixxi	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tirreaġixxi	Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti li qed tirreaġixxi	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Ċentrali tad-Destinazzjoni	Identifikatur tal-Awtorità Ċentrali tad-Destinazzjoni	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Dettalji tar-reazzjoni	Numru tan-notifika	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tar-reazzjoni	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Ħin tar-reazzjoni	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format SS:MM:SS
Impriża tat-trasport	Isem	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Awtorità li qed timponi l-penali	Isem l-Awtorità li qed timponi l-penali	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Penali imposti	Konferma tal-penali imposta	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: "Iva" "Le"
	Penali imposti	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: "Twissija" "Irtirar temporanju ta' xi whud mill-kopji ċċertifikati veri tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha" "Irtirar permanenti ta' xi whud mill-kopji ċċertifikati veri tal-liċenzja Komunitarja jew ta' kollha" "Irtirar temporanju tal-liċenzja Komunitarja". "Irtirar permanenti tal-liċenzja Komunitarja". "Sospensjoni tal-ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier" "Irtirar tal-attestazzjonijiet tax-xufier" "Ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier soġġett għall-kondizzjonijiet addizzjonali sabiex ikun evitat l-użu ħażin" "Oħrajn"

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
	Data tal-penali imposta	Fakultattiv	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Data tal-penali imposta	Fakultattiv	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Raġuni għall-penali mhux imposta	Fakultattiv	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku

1.2. **Il-kontrolli fuq ir-reputazzjoni tajba tal-maniġers tat-trasport**

1.2.1. *Messaġġ ta' Talba għal Tfittxija*

Meta jsir l-ivverifikar, skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, dwar jekk maniġer tat-trasport ġie ddikjarat, f'wieħed mill-Istati Membru, mhux adatt li jimmaniġġa l-attivitajiet ta' trasport ta' impriża, l-Istati Membri għandhom jużaw messaġġ fil-format li ġej (Messaġġ ta' Talba għal Tfittxija):

Kategorija tad-dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
L-Istat Membru li qed iressaq it-talba	L-Istat Membru li qed iressaq it-talba	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tressaq it-talba	Identifikatur tal-awtorità kompetenti li qed tressaq it-talba	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Dettalji tat-talba għal tfittxija	Numru tal-messaġġ tat-talba għal tfittxija	Obbligatorju	
	Data tat-talba għal tfittxija	Obbligatorju	
	Ħin tat-talba għal tfittxija	Obbligatorju	
Il-Maniġer tat-Trasport	Isem mogħti	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Kunjom(ijiet)	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tat-twelid	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Post tat-twelid	Fakultattiv	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Numru taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Pajjiż tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2

1.2.2. *Messaġġ ta' Reazzjoni għat-Tfittxija*

Meta ssir reazzjoni għal Messaġġ ta' Talba għal Tfittxija kif prevista fl-ambitu ta' 1.2.1., l-Istati Membri għandhom jużaw messaġġ fil-format li ġej (Messaġġ ta' Reazzjoni għat-Tfittxija):

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
L-Istat Membru li qed iressaq it-talba	L-Istat Membru li qed iressaq it-talba	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tressaq it-talba	Identifikatur tal-awtorità kompetenti li qed tressaq it-talba	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
L-Istat Membru li qed jirreaġixxi	L-Istat Membru li qed jirreaġixxi	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tirreaġixxi	Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti li qied tirreaġixxi	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Dettalji tar-Reazzjoni għat-Tfittxija	Numru tal-messaġġ tat-talba għal tfittxija	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tar-reazzjoni	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Ħin tar-reazzjoni	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format (SS:MM:SS)
Riżultati tat-tfittxija	Stat	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: — Misjub — Mhux misjub
Il-Maniġer tat-Trasport	L-ewwel isem mogħti	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Kunjom(ijiet)	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tat-twelid	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Post tat-twelid	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Numru taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ)
	Pajjiż tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kompetenza professjonali	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
	Numru tal-impriżi mmaniġġati	Obbligatorju	Dħul ta' dejta numerika

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
	Numru tal-vetturi mmaniġġati	Obbligatorju	Dħul ta' dejta numerika
Kundizzjoni fiżika	Kundizzjoni fiżika	Obbligatorju	Dikjarazzjoni ta' jew: — "Mhux tajba għax-xogħol" — "Tajba għax-xogħol"
	Data' sa meta persuna tista' tiġi ddikjarata mhux tajba għax-xogħol	Fakultattiv	Dħul tad-dejta numerika fil-format ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) Applikabbli jekk il-Kundizzjoni fiżika hija waħda "Mhux tajba għax-xogħol"

1.3. **Rikonoxximent**

Meta jiġi rikonoxxut li ġie rċevut messaġġ, l-Istati Membri għandhom jużaw messaġġ fil-format li ġej (Messaġġ ta' Rikonoxximent):

Tip ta' Dejta	Unità tad-dejta	Obbligatorju jew Fakultattiv	Taqsima tad-deskrizzjoni addizzjonali tad-dejta
L-Istat Membru li qed jirrikonoxxi	L-Istat Membru li qed jirrikonoxxi	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Kompetenti li qed tirrikonoxxi	Identifikatur tal-Awtorità Kompetenti li qed tirrikonoxxi	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	L-Istat Membru ta' Destinazzjoni	Obbligatorju	Magħżul mill-kodiċi ta' żewġ ittri ISO 3166-1 alpha 2
L-Awtorità Ċentrali tad-Destinazzjoni	Identifikatur tal-Awtorità Ċentrali tad-Destinazzjoni	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Dettalji tal-messaġġ oriġinali	Identifikatur tal-messaġġ oriġinali	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
Dettalji tar-rikonoxximent	Identifikatur tal-messaġġ ta' rikonoxximent	Obbligatorju	Taqsima tat-test liberu alfanumeriku
	Data tar-rikonoxximent	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format SSSS-XX-JJ
	Ħin tar-rikonoxximent	Obbligatorju	Dħul tad-dejta numerika fil-format SS:MM:SS

2. L-ARIKETTURA TAL-ERRU


L-interkonnessjoni se jkollha l-forma ta' qafas għall-messaġġi XML li tipprovdi servizzi lill-Istati Membri permezz ta' messaġġi XML li jiġu skambjati b'mod affidabbli, sikur u koreografat (il-fluss tax-xogħol).

Is-sistema ERRU għandha tikkonsisti f'sistema li tinkludi arkitettura ta' "buttun ċentrali" (klijent-server b'router intelliġenti) u arkitettura "peer to peer". L-Istati Membri jistgħu jagħżlu bejn kwalunkwe wieħed miż-żewġ arkitetturi msemmija hawn fuq sabiex jiġu skambjati messaġġi XML fuq in-netwerk sTESTA (bl-użu ta' HTTPS).

Is-sistema ERRU hija illustrata fil-Grafika 1 hawn taħt:

Grafika 1

Sistema ERRU



L-Istati Membri se jkollhom żewġ alternattivi biex jikkommunikaw il-messaġġi, abbażi tal-arkitettura li qegħda tintuża mill-Istati Membri involuti fl-iskambju: L-użu ta' arkitettura b'buttun ċentrali jew l-użu ta' arkitettura "peer-to-peer".

Il-buttun ċentrali għandu jkun immexxi mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-operazzjoni teknika, il-manutenzjoni u s-sigurtà ġenerali tan-netwerk sTESTA u tal-buttun ċentrali. Id-dejta għar-reġistrazzjoni se jinżamm fuq dan il-buttun ċentrali. Il-Kummissjoni mhux se jkollha aċċess għal dejta kummerċjali ħlief għal raġunijiet ta' manutenzjoni u debugging.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għas-sistemi nazzjonali tagħhom.. L-Istati Membri li jużaw arkitettura "peer-to-peer" għandhom ikunu responsabbli għall-interoperabbiltà tal-arkitettura "peer-to-peer" mal-buttun ċentrali.

Għall-interkonnessjoni permezz tal-ERRU, l-Istati Membri għandhom jużaw:

— Protokolli tal-Internet Standard (XML, HTTPS, Servizzi Onlajn tal-XML), u

— in-netwerk privat sTESTA tal-Kummissjoni Ewropea.

3. STATISTIKA U LLOGGJAR

L-Istati Membri li jużaw konnessjonijiet "peer-to-peer" għandhom iqegħdu kull ġimgħa, għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, l-informazzjoni neċessarja għall-finijiet ta' statistika.

Sabiex tiġi żgurata l-privatezza, id-dejta għall-finijiet ta' statistika għandha tkun anonima.

L-informazzjoni ta' lloggjar se ssegwi t-tranżazzjonijiet kollha għall-finijiet ta' monitoraġġ u debugging kif ukoll sabiex tiġi ġġenerata statistika dwar dawn it-tranżazzjonijiet. Se jinżammu u jiġu mmonitorjati t-tipi ta' dejta ta' lloggjar li ġejjin:

— Log ta' applikazzjoni (bħal messaġġi skambjati, inkluż it-tip ta' messaġġ, id-data, l-istruttura tal-messaġġ);

— Log ta' sigurtà (bħal tentattivi ta' lloggjar, aċċess ta' faljs);

— Log ta' Sistema (bħal fallimenti fis-sistema).

L-informazzjoni ta' lloggjar m'għandhiex tinżamm għal aktar minn sitt xhur.

L-Istati Membri li jużaw arkitettura "peer-to-peer" għandhom ikunu responsabbli għall-informazzjoni ta' lloggjar li tikkonċerna tranżazzjonijiet li saru permezz ta' konnessjonijiet "peer-to-peer".

Il-punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 għandhom ikunu responsabbli għall-aċċess tad-dejta skambjata kif ukoll użu u aġġornar ulterjuri tad-dejta wara l-aċċess.

4. LIVELL MINIMU TA' SERVIZZ

L-Istati Membri għandhom japplikaw l-istandards minimi ta' servizz fir-rigward tal-ERRU:

4.1. **Żmien li fih jingħata servizz u kopertura tiegħu**

24 siegħa/7 ijiem

4.2. **Rata ta' disponibbiltà tas-sistema teknika**

98 %

Rata ta' disponibbiltà tas-Sistema tirrappreżenta l-perċentwali ta' tranżazzjonijiet b'suċċess kull xahar.

4.3. **Ħin tar-rispons tas-sistema**

Massimu 60 sekonda.

Jekk sistema ma tissodisfax il-ħin ta' reazzjoni mitlub, l-Istat Membru għandu jieħu l-passi neċessarji kollha biex is-sistema tiġi lura għall-ħin ta' reazzjoni normali malajr kemm jista' jkun.

4.4. **Proċedura ta' manutenzjoni**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni dwar kwalunkwe attività regolari ta' manutenzjoni minn ġimgħa qabel permezz ta' portal ta' manutenzjoni.

4.5. **Eskalazzjoni ta' problema**

Problema hija sitwazzjoni fejn is-sistema tal-Istati Membri ma tkunx disponibbli minħabba raġunijiet mhux previsti.

F'każ li problema ma tkunx tista' tiġi solvuta fi żmien 30 minuta, għandha tkun applikata l-proċedura ta' eskalazzjoni li ġejja mill-Istat Membru li s-sistema tiegħu hija l-oriġini tal-problema:

(a) Notifika tal-problema lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni permezz ta' posta elettronika fi żmien 30 minuta;

(b) Immedjatament wara li s-sistema tkun irritornat għan-normal, għandu jintbagħat messaġġ ulterjuri permezz tal-posta elettronika sabiex jiġu infurmati l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni li s-sistema rritornat lura għan-normal.